31999R0691

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 691/1999

tat-30 ta' Marzu 1999

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 708/98 dwar it-teħid ta' ross li għadu fil-fosdqa mill-aġenziji ta' intervent u l-iffissar ta' ammonti korrettivi u żdiediet jew it-tnaqqis fil-prezzijiet li għandhom jiġu applikati fir-rigward tal-karatteristiċi tal-kwalità tar-ross

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3072/95 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar l-organizzazzjoni komuna tas-suq tar-ross [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2072/98 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 8(b) tiegħu,

Billi l-karatteristiċi li jagħmlu d-differenza bejn il-qamħa mtebba' u l-qamħa ittikkjata huma qrib ħafna u d-distinzjoni minn waħda għall-oħra hija ta' spiss biċċa xogħol delikata meta l-kampjuni meħuda skond l-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 708/98 [3] jiġu analizzati; billi dawk iż-żewġ kriterji għandhom għalhekk ikunu maqgħuda u t-tnaqqis relevanti fil-prezz applikabbli għandu jiġi stabbilit fuq il-bażi tad-defetti tal-qamħa li jkopru kemm il-qamħa mtebba' u dik ittikkjata;

Billi varjetajiet ġodda ta' ross qed ikunu mkabbra fil-Komunità; billi jridu jkunu mdaħħla, flimkien mal-produzzjoni tagħhom mit-tħin, fil-lista fil-punt B fl-Anness II li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 708/98;

Billi l-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaċ-Ċereali,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 708/98 huwa b'dan emendat kif ġej:

1. it-tabella fl-Artikolu 2 hija sostitwita b'dan li ġej.

	"Ross bil-qamħa tonda Kodiċi NM 1006 10 92	Ross bil-qamħa medja jew tawwalija A Kodiċi NM 1006 10 94 u 1006 10 96	Ross bil-qamħa tawwalija B Kodiċi NM 1006 10 98
Qamħ bajdani	6	4	4
Qamħ bl-istrixxi ħomor	10	5	5
Qamħ imtebba' u ttikkjat	4	2,75	2,75
Qamħ għanbra	1	0,50	0,50
Qamħ safrani	0,175	0,175	0,175
Impuritajiet differenti	1	1	1
Qamħ ta' ross ta' varjetajiet oħra	5	5	5"

[1] ĠU L 329, tat-30.12.1995, p. 18.
[2] ĠU L 265, tat-30.9.1998, p. 4.
[3] ĠU L 98, tal-31.3.1998, p. 21.

2. it-tabella fit-taqsima B ta' l-Anness II hija sostitwita b'dan li ġej.

"B. **Produzzjoni bażzika wara l-ipproċessar**

Isem tal-kwalità	Produzzjoni f'qamħ shih (%)	Produzzjoni totali (%)
Carillon	65	69
Argo, Selenio, Couachi	64	71
Alpe, Arco, Balilla, Balilla GG, Balilla Sollana, Bomba, Bombon, Colina, Elio, Flipper, Frances, Lido, Liso, Matusaka, Monticili, Pegonil, Sara, Strella, Thainato, Thaiperla, Ticinese, Veta, Leda, Mareny, Clot, Albada, Guadiamar	63	71
Ispaniki A, Makedonia	62	71
Bravo, Europa, Loto, Riva, Rosa Marchetti, Savio Veneria	61	70
Tolima	61	69
Inca	61	68
Ar me	60	71
Alfa, Ariete, Bahia, Carola, Cigalon, Corallo, Cripto, Cristal, Drago, Eolo, Girona, Gladio, Graldo, Indio, Italico, Jucar, Koral, Lago, Lemont, Mercurio, Miara, Molo, Navile, Niva, Onda, Padano, Panda, Pierina, Marchetti, Ribe, Ringo, Rio, S.Andrea, Saturno, Senia, Sequial, Smeraldo, Star, Stirpe, Vela, Vitro, Calca, Dion, Zeus	60	70
Strymonas	60	69
Anseatico, Arlesienne, Baldo, Belgioioso, Betis, Euribe, Italpatna, Marathon, Redi, Ribello, Rizzotto, Rocca, Roma, Romanico, Romeo, Tebre, Volano	59	70
Bonnet Bell, Rita, Silla, Thaibonnet, L 202, Puntal	58	70
Evropi, Melas	58	68
Arborio, Arlatan, Blue Belle, Blue Belle 'E', Blue Bonnet, Calendal, Razza 82, Rea	56	70
Cesariot, Maratelli, Precoce Rossi	56	68
Carnaroli, Elba, Vialone Nano	55	70
Delta	55	68
Axios	55	65
Roxani	55	64
Irat 348, Mana	45	65
Pygmalion	50	69
Varjetajiet mhux speċifikati	63	71"

3. Anness III huwa sostitwit bl-Anness hawn mehmuż.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament se jidħol fis-seħħ fit-tielet jum li jiġi wara l-publikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' April 1999.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-30 ta' Marzu 1999.

Għall-Kummissjoni
Franz FISCHLER
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS III

TNAQQIS FIL-PREZZ MINĦABBA DIFETTI FIL-QAMĦA

Difett	Perċentwali ta' qamħ bid-difetti			Tnaqqis [1]
	Ross bil-qamħa tonda Kodiċi NM 1006 10 92	Ross bil-qamħa medja jew tawwalija A Kodiċi NM 1006 10 94 u 1006 10 96	Ross bil-qamħa tawwalija B KodiċiNM 1006 10 98	
Bajdani	Minn 2 sa 6 %	Minn 2 sa 4 %	Minn 1,5 sa 4 %	1 % kull 1/2 point
Bi strixxi ħomor	Minn 1 sa 10 %	Minn 1 sa 5 %	Minn 1 a 5 %	1 % kull 1/2 punt
Imtebba' jew ittikkjat	Minn 0,50 sa 4 %	Minn 0,50 sa 2,75 %	Minn 0,50 sa 2,75 %	0,8 % per 1/4 point
Għanbra	Minn 0,05 sa 1 %	Minn 0,05 sa 0,50 %	Minn 0,05 sa 0,50 %	1,25 % kull 1/4 punt
Safrani	Minn 0,02 sa 0,175 %	Minn 0,02 sa 0,175 %	Minn 0,02 sa 0,175 %	6 % kull 1/8 punt

[1] Il-qabża tal-limitu ttieħdet biex tagħti kont sa żewġ punti deċimali."